MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 268/2012

**Simonds Farsons Cisk plc**
**(C 113)**

**vs**

**Albert Borg 838147(M) u Palm Court Limited (C 2677)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Awissu 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta’ tmien t’ elef, erbgha mija u sittax-il Euro u tlettax ic-centezmu (€8,416.13) rapprezentanti prezz ta’ diversi merci lilhom mibjugha u debitament kkonsenjati izda qatt imhallsa, kif ahjar deskritt fid-dokumentazzjoni pprezentata ma’ l-avviz..

Bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluz ta' l-ittra legali datata 25 ta' Ottubru 2011 kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar, w il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fil-post tal-konvenuti, fit-2 ta' Novembru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati l-1 ta' Novembru 2012 (fol 10 tergo).

Rat illi l-konvenuti gew ukoll notifikati b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta' Novembru 2012 (fol. 9) u fil-gazzetti lokali The Times of Malta fit-3 ta' Dicembru 2012 (fol 14).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 15).

Rat illi fis-seduti tat-18 ta' Jannar 2013 il-konvenuti gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien t'elef, erbgha mija u sittax-il Euro u tlettax ic-centezmu (€8,416.13)kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------